# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 7 u 21 ta' Jannar 2018 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Frar 2018 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Marzu 2018 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' April 2018 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 113 Jannar 2018 JITQASSAM BLA ĦLAS



Ġuża Mifsud meta kienet takkumpanja l-Vjatku

*Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu*
*għas-sena 2018*
*lill-membri kollha tal-Moviment,*
*lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,*
*lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.*
*Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha,*
*għaqqad il-ġnus f'imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.*

# INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD
## *(il-ħames parti)*

## Meta ltaqgħet ma' Dun Ġorġ Preca

Ġuża tgħid : "L-ewwel darba li jiena mort għand Dun Ġorġ Preca kien qiegħed iqarar il-Ħamrun, fil-Knisja ta' San Gejtanu, u għidtlu, 'Jiena ġejt għandek illum biex tagħmilli qrara ġenerali.' Hu staqsieni fejn inqerr issoltu u jiena għidtlu li kont inqerr għand Dun Ġorġ Mercieca. Għidtlu li dan Dun Ġorġ Mercieca, il-konfessur tiegħi, ma riedx jagħmilli din il-qrara u Dun Ġorġ Preca qalli, 'Dun Ġorġ Mercieca ma għamilhielekx din il-qrara, u kun af li lanqas Dun Ġorġ Preca mhu ħa jagħmilhielek. Din il-qrara tagħmilha mkien, int lanqas kapaċi tagħmel dnub venjal, aħseb u ara dnub mejjet. U peress li qed tgħidli li l-konfessur tiegħek hu Dun Ġorġ Mercieca aħjar, għax aktar insir nafek.'...

Meta kelli l-kuntatt mal-Madonna jiena mort għand Dun Ġorġ Mercieca u għidtlu bl-affarijiet li jiena kelli f'dik il-ġimgħa bil-lejl. Hu qalli, 'Jiena ħa nibda nitlob għalik ħafna aktar milli kont nitlob u ibda ikteb dawn l-affarijiet li qegħdin jgħaddu minnek bħalissa.' Imma jiena għal xi parir kbir kont immur ukoll għand Dun Ġorġ Preca u lil dan għidtlu b'dan il-messaġġ u meta beda jifhimni staqsejtu, 'Bħala mara x' nista' nagħmel?' Hu weġibni, 'Bħala mara tista' taħdem ħafna u ħafna u tista' tagħmel ħafna ġid. Tibża' minn ħadd, qawwi qalbek, la tibża minn ħadd, għax jiena naf x'kalvarju għaddejt min-naħa tal-Knisja meta ftaħt il-bibien tad-duttrina. U inti wkoll ħa tgħaddi minn Kalvarju kbir ħafna. Rigward min-naħa tal-Knisja ħa tbati ħafna u anka min-naħa ta' xi ħaġa oħra wkoll ħa tbati għax fil-ġejjieni tiegħek ħa ssib ħafna nies b'nuqqas ta' fidi li ma jemmnux f'Alla. Ħa jkollok ħafna ntoppi imma ħadd mhu ħa jagħmillek xejn għax miegħek hemm l-Id t'Alla u tal-Madonna li qegħda tispiralek u ġġiblek dawn il-viżjonijiet.

Agħmel fidi kbira f'Alla, qawwi qalbek, tibża' minn ħadd, kun sempliċi u umli u jiena ħa ngħidlek binti, u mbierkek b'idejja t-tnejn, illi ħadd m'hu ħa jagħmillek xejn, għaliex id-dgħajsa ta' San Pietru li waqqaf Kristu meta kien fid-dinja, bil-mewġ kollu tal-baħar li kellha kontrieha, ħadd ma jista' jfarrakha. Inti bniedma li għadek magħluqa u ma jaf bik ħadd, imma jiena qed inħossni li qed inkun ħafna ispirat fuqek u fil-ġejjieni permezz tal-Madonna, illi tagħha qed ikollok ħafna kuntatti, kemm f'Malta u fid-dinja kollha ħa jsir ħafna ġid kemm spiritwali u kemm temporali.'



Meta, jiena għidtlu li rajt is-Sinjura tal-Ħajja, Dun Ġorg Preca kien qalli li jaf ħafna affarijiet, 'u l-Madonna mhix ser tieqaf hawn miegħek. Jiena lil Ġesu fit-tqarbin qiegħed noħodlu rasu fuqek.' Jiena meta kont qed inkellmu qabadni ftit tal-bard imma offrejtu lill-Madonna. Qalli, 'Il-Mulej ħa jinqeda bik'. Jien għidtlu, 'Dun Ġorg, imma inti ma taranix li jiena dgħajfa ħafna għal dawn l-affarijiet?' Qalli, 'Jiena ħa ngħidlek biex tħalli kollox fl-Id tal-Providenza t'Alla għax Alla jinqeda b'min irid. Ftit ġranet ilu sirt naf li Ġesù qiegħed jinqeda bik biex tikkonverti l-erwieħ.'"

## Soċja tal-Mużew

Ma setax jonqos li Ġuża tiġi mħajra sabiex issir membru tas-Soċjeta tal-Mużew. Filfatt kitbet hekk lid-Direttur Spiritwali tagħha: "Dun, għandi diffikultà x'nistaqsik. Ġietni soċja tal-Mużew u ġennitni biex nidħol fil-Mużew, għax qaltli, 'Ġesù qiegħed issejjaħlek.' U jiena għidtilha, 'Is-sejħa ta' Ġesù tagħrafha permezz tad-Direttur Spiritwali tiegħek.'

U hija qaltli, 'Tridx ngħidulu aħna lil Dun Ġorġ minflok li tgħidlu inti forsi aktar jiddeċiedi li jħallik tidħol fl-għaqda tagħna?' U jiena għidtilha, 'Ma hemmx għalfejn għaliex inħossni ndifferenti ħafna li nidħol fl-għaqda tagħkom, għax inħossni m'iniex imsejjħa biex nidħol fil-Mużew. Imbagħad fuq kollox jirranġa l-Bambin, jagħmel bija dak kollu li jrid u li jogħoġbu.'"

Dwar dan tgħid ukoll li fiż-żmien meta kienet marret tkellem lil Dun Ġorġ Preca, "kienet mietet waħda soċja tal-Mużew u dan Dun Ġorġ qalli, 'Nixtieq tieħu postha u ssir membru tal-Mużew.' Qbiżt jien u għidtlu, 'Dun Ġorg Mercieca jgħidli li ma jgħoddx għalija u ma jridnix immur hemm ġew.' Qalli, 'Brava li għidtli li hu qallek hekk għax issa lanqas jiena ma rridek li tidħol fil-Mużew.'"

## Membru f'ħafna għaqdiet

Fil-laqgħa tat-talb tat-2 ta' Awwissu 1992 Ġuża qalet: "Jiena f'kollox kont imdaħħla: Azzjoni Kattolika, Figlie di Maria, f'kollox kont imdaħħla jiena. Mingħajr biżgħa, mingħajr xejn qed ngħidilkom. Ma rridx noqgħod naħbihom dawn l-affarijiet." Kienet ukoll fil-Lampa l-Ħajja, grupp li kienu jagħmlu adorazzjoni Ewkaristika. Hija tgħid, "Jiena kont noħodha s-Sibt għax kont ninżel minn hawn ftit kmieni nhar ta' Sibt u nagħmel nofs siegħa. Kont nieħu anka ħsieb dawk li

jagħmlu s-siegħa ta' l-adorazzjoni imma per eżempju, mill-fidi ta' dak iż-żmien għal tallum hemm differenza kbira ħafna."

Fl-laqgħa li għamlet id-dar tagħha fl-1988 fl-okkazzjoni ta' għeluq sninha, hija qalet: "Dejjem ħdimtilha lill-Madonna, kont fil-kongregazzjoni, ta' disa' snin kont fil-kongregazzjoni jiena u kont naħdmilha lill-Madonna. Kont naħdmilha, niġbru għall-knisja dak iż-żmien kont għadni tfal hu, kont mas-sorijiet. Dejjem qdejtha mill-aħjar stajt lill-Madonna."

Kienet ukoll delegata tal-morda, jiġifieri tmur iżżurhom, taqdihom f'li jkollhom bżonn u ġieli anka ħaditilhom l-ikel. Iżda ma' ħafna l-aktar li kienet magħrufa kien għall-att kbir ta' familji li ppreparat biex jagħmlu l-att tal-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija. Dan l-aktar li kienet tagħmlu kien wara li taqdi dmirha lejn il-familja. Waqt il-laqgħa tat-2 ta' Awissu 1992 hija tgħid, "u mbagħad filgħaxija, skużawni ta, skuzawni jekk triduni ngħidhielkom dina nista ngħidilkom, kont naqbad landa tal-kunserva bl-ilma, nagħmilha ma saqajja biex inxedd biċċa sandli f'saqajja u mmur inħabbat in-nies għall-atti tal-Konsagrazzjoni. Dak kien l-iżvog tiegħi..."

## Ġuża Missjunarja

Il-missjoni minn dejjem kienet ħafna għal qalbha u mhux l-ewwel darba li tat il-pensjoni tagħha għall-missjoni, filwaqt li kienet tkompli ma' kull missjunarju li jitla' l-Girgenti. Waqt il-laqgħa tat-2 ta' Awissu 1992 hija tgħid: "U rrid inkompli għax jien ma ngħidilkomx kemm ilni Ġuża missjunarja ta. Ilni minn meta kelli snin ħafna żgħar niġbor għall-missjoni u nagħmel l-affarijiet. Ommi kienet trabbi l-animali, dundjani jew tiġieġ u per każu tgħid, 'dawn l-erbgħa dundjani ħa nbiegħhom u l-flus ħa nagħtihom għall-missjoni,' alavolja konna foqra ħafna. Tgħidx kemm ilni missjunarja, anka ommi kienet tgħallimni fuq il-missjoni..."

## Takkumpanja L-Vjatku

L-imħabba tagħha lejn l-Ewkaristija u lejn il-proxxmu kienet magħġuna fiha sa minn kmieni. Fil-laqgħa tat-2 ta' Awissu 1992 hija tgħid hekk: "U tant kont nieħu gost bl-għodda ta' Alla ħbieb, ma noqgħodux nitkerrħu meta jkollna l-għodda t'Alla ħa jersqu lejn il-qraba tagħna, lejn xi ħadd marid mill-qraba tagħna. Għalfejn għandna noħduhom bi kbar meta jibdew resqin l-għodda ta' Alla? Fil-11p.m. jew is-siegħa ta' billejl kien idoqq il-Vjatku, dari hekk konna Monsinjur.



Per eżempju jiena minn jaf kemm-il darba lil ommi kont ngħidilha, 'Ma sejra.' Tgħidli, 'Binti mur.' Konna ngħidu l-litanija tas-soltu, *Kyrie Eleison, Christe Eleison* kien jgħidhielna Dun Ġużepp ta' Randa, sakemm iqarbnu u jagħmlulhom is-sagramenti, ikun raġel jew tkun mara, imma llum, illum dawn l-affarijiet baħħ. Illum tgħidhom jgħaddu ż-żmien bik. Dawn l-affarijiet lill-Mulej tlabthomlu minn kmieni, nieħu gost bihom per eżempju."

## Meta Kienet Tmur Il-Fawwara

Ġuża tirrakkonta wkoll li kienet taf lil Isqof Gonzi. F'messaġġ li nqara fil-laqgħa ta' Marzu 1996 hija tgħid:

"Dana l-Isqof Gonzi kien jiġi fl-għelieqi tagħna u kien jagħtina ħafna affarijiet minn kliemu sbieħ. Ġiet li kien iqaddes xi quddiesa ġo dik il-Knisja żgħira tal-Fawwara, mhux l-ewwel darba li qaddes hemmhekk u anka jiena kont immur ma xi ħadd biex ngħinu xi ħaġa. Dak iż-żmien kien hemm naqra skola żgħira fl-inħawi ta' hemm ġew, tal-Fawwara, u konna nagħmlu l-quddiesa. Daqqa kien jiġi jqaddisha bħalma qed ngħidilkom jiena dana l-Isqof Gonzi, daqqa kien jiġi jqaddisha dak li jieħu ħsieb il-morda tal-Providenza, Dun Mikiel Azzopardi. Min jaf kemm għamiltlu kafe jiena lil dak hemm ġew, illestejtlu kafe u kien jgħidli affarijiet. Jiena għandi ħafna ittri sbieħ minn ta' dana il-Monsinjur Dun Mikiel Azzopardi...

Imbagħad jiena kienu jwassluni sa nofs it-triq, sat-Troll, għax kien ikun ix-xogħol u ommi kienet tgħidli: 'Kif tillesti minn dik il-funzjoni tal-Fawwara, ibqa' ġejja għaliex ikollok ix-xogħol x'tagħmel fil-għaxija.' Daqqa kont immur fis-siegħa, oħra kont immur fis-sagħtejn, oħra kont immur f'nofsinhar għaliex konna nagħmlu l-purċissjoni mill-Kappella tal-Karmnu għall-Kappella tal-Lunżjata. Il-purċissjoni konna nagħmluha bit-tfal tal-iskola u b'dawn is-saċerdoti."

## Taħrieka għal xhieda

L-inkwiet għandu għal kulħadd, Ġuża xejn inqas, kienet bniedma bħalna. Filfatt kellha tgħaddi anka mill-esperjenza li tiġi mħarrka bħala xhud f'kawża privata mill-Puluzija Esekuttiva. Il-kontentut jgħid hekk, "B'din jien inħarrkek sabiex tidher quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-Belt fit-8 ta' Frar 1945 fid-9 ta' filgħodu u tagħti x-xhieda tiegħek fil-kawża: Ġiuseppa Calleja vs Rożi Bonello. Illum it-30 ta' Jannar 1945."

**Sylvana Spiteri LL.D.**

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QLUB TA' ĠESU U TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2018 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook (Madonna tal-Konsagrazzjoni) jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew ikellmu lill-membri tal-Kumitat.

## *LIVE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI

F'dawn l-aħħar xhur, il-laqgħat ta' talb li jsiru kull l-ewwel u kull tielet Ħadd tax-xahar fil-Girgenti qegħdin jixxandru *live* fuq il-paġna ta' *Facebook* Madonna tal Konsagrazzjoni. Dan huwa mezz kif dawk li ma' jkunux jistgħu jattendu għal-laqgħat, xorta jkunu jistgħu isegwu t-talb li jsir u jħallu l-kummenti u l-intenzjonijiet tagħhom. Inħeġġukom sabiex dejjem tagħmlu *share* kemm tal-laqgħat kif ukoll tal-informazzjoni l-oħra li tittella' fuq il-paġna Madonna tal Konsagrazzjoni.

## INSELLMU L-MEMORJA TA'...

Dan l-aħħar sirna nafu li Charles Attard mar jiltaqa' mal-Mulej u mal-Madonna li tant ħabb. Charles dam snin twal membru tal-Kumitat Madonna tal-Konsagrazzjoni. Għal diversi snin kien itella lil Ġuża bil-karozza tiegħu waqt il-laqgħa ta' Mejju meta jsir il-pellegrinaġġ mit-tarf tat-triq il-qadima. Kien ukoll magħha meta marret biex iżżur il-post fejn tallega li kellha l-viżjoni ta' San Mikiel u dakinhar tgħid li kellha l-viżjoni ta' San Ġużepp. Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem....

## RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jirringrazzja lil dawk il-qarrejja li jibgħatu xi donazzjoni sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Għalkemm il-Fuljett jitqassam bla ħlas imma l-ispejjeż tal-istampar u tal-posta huma sostanzjali u għaldaqstant kull donazzjoni hija ferm apprezzata. Inwegħdu t-talb tagħna lil dawn il-benefatturi. Il-Mulej iberrikkom, il-Madonna iżżommkom taħt il-protezzjoni tagħha u Ġuża Mifsud tinterċedi għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.



## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. miż-Żurrieq kitbet hekk:** Membru tal-familja tiegħi kellu problema fl-istonku. Ħa ħafna pilloli imma kien kollu għal xejn, għalhekk il-professur ordna li din il-persuna tagħmel xi testijiet. Jiena tlabt għalih lil Alla, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud. Wara li għamel it-testijiet irriżulta li ma kellu xejn gravi, imma kundizzjoni li jrid jgħix biha. Għalhekk nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud qlajt din il-grazzja.

F'ittra oħra tikteb hekk: Kelli nagħmel xi testijiet mediċi u kont qed nibża ħafna li jkolli nagħmel operazzjoni. Ħallejt kollox f'idejn Alla, l-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġuża Mifsud. Ir-riżultati ħarġu kollha tajbin. Ta' dan nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud qlajt din il-grazzja.

**Ħafna jitkellmu magħna u jgħidulna li qalgħu grazzji bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Inħeġġukom sabiex tinfurmawna b'dawn il-grazzji bil-miktub. Min isib diffikultà biex jagħmel dan, javviċina lill-membri tal-Kumitat u aħna noffru kull assistenza sabiex jinkitbu dawn il-grazzji. Il-grazzji jistgħu jintbagħtu f'16, Triq San Ġakbu, s-Siġġiewi**